MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Rikors Ta Revoka Numru. 135/2006

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 59/06 fl-ismijiet:

Carmena *sive* Charmanine **CALLEJA**

vs

Jason **CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' April, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Jason Calleja (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") talab li din il-Qorti, wara li tisma' l-każ b'urġenza, (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih minn martu l-intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutanti") fis-7 ta' Marzu, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallsu d-danni li qiegħed iġarrab għall-finijiet tal-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' April, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tad-19 ta' April, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2006, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma jeżistux ir-rekwiżiti biex tintlaqa' t-talba tal-eżekutat u lanqas biex hija tkun kundannata tħallsu d-danni;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2006, li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent irid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih mill-eżekutanti fis-7 ta' Marzu, 2006. Irid ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti tħallsu d-danni li ġarrab minħabba l-ħruġ ta' dak il-Mandat u li l-Qorti tillikwida l-istess danni;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent huma li, fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-partijiet iżżewġu f'Mejju tal-2001, imma bħalissa għaddejjin proċeduri għall-firda personali bejniethom. Minbarra l-impieg tiegħu ewlieni, l-eżekutat irabbi l-baqar u għandu liċenza għall-kwota ta' produzzjoni ta' ħalib. Dik l-attivita' kien ilu jwettaqha sa minn qabel ma żżewweġ lill-eżekutanti. Il-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrent eżekutat fis-7 ta' Marzu, 2006[2], u kien notifikat lil sitt sekwestratarji – banek kummerċjali lokali u kumpannija lokali li tagħmel prodotti tal-ħalib. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' Lm 20,000[3] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "ammont dovut lill-attriċi rappreżentanti sehemha fil-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti preżentement viġenti bejn il-partijiet". Il-mandat inħareġ dak inhar stess. Dak inhar ukoll, l-eżekutanti ressqet talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[4] kontra żewġha, liema talba ntlaqgħet (limitatament fil-konfront ta' fondi fil-Valletta Bond Fund) fil-15 ta' Marzu, 2006. Dan ir-rikors tressaq fil-11 ta' April, 2006;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifika tal-liġi li fuqha r-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi r-rikorrent isemmi kawżali waħda li dwarha jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher ċar li

[2] Dok "JCA", f'paġġ. 14 – 5 tal-atti
[3] Li jġibu €46,587.47 fi flus tal-lum
[4] Mandat Nru. 58/06
[5] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

l-eżekutat isejjes it-talba tiegħu fuq il-fatt li, għalkemm il-ħidma tat-trobbija tal-bhejjem m'hijiex milquta minn xi mandat kawtelatorju, l-imsemmi Mandat qiegħed jolqtu indirettament billi jċaħħdu minn fondi essenzjali meħtieġa għal dik l-attivita'. Dawn il-fond jeħtieġhom kemm għax-xiri tal-għalf, u wkoll għall-kura tal-bhejjem;

Illi l-Qorti tirrileva li dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[6]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi, naturalment, il-Mandat taħt eżami weġġa' lir-rikorrent, l-iżjed fejn jirrigwarda l-attivita' ta' trobbija ta' bhejjem ħajjin u l-kura tagħhom. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Imma dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq din il-kawżali;

Illi r-rikorrenti eżekutat talab ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tad-danni skond l-artikolu 836(9) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi dwar it-talba tar-rikorrent eżekutat għall-kundanna tal-intimata għall-ħlas tad-danni, jidher xieraq li ssir preċiżazzjoni . Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-għaref difensur tal-eżekutat li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrent eżekutat f'dan il-każ;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent Jason Calleja billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------